

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni IDENTITY BEAUTY – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 913 910

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 205/2020-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 17 913 910 IDENTITY BEAUTY għall-prodotti u servizzi kollha tagħha fil-klassi 3;
- tikkundanna lill-proprietarja tat-trade mark preċedenti Spanjola għall-ispejjeż kollha.

Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2020 – Iliad Italia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-692/20)

(2021/C 19/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Iliad Italia SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: D. Fosselard u D. Waelbroeck, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1573 finali tas-6 ta' Marzu 2020 li ma topponix it-tranżazzjoni nnotifikata fil-Każ M.9674-Vodafone Italia / TIM / INWIT JV kif emendata permezz tal-impenji u tiddikjaraha bħala inkompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-impenji ma jipprovdu l-ebda definizzjoni jew kwantifikazzjoni tal-livell minimu ta' qawwa meħtieġ sabiex jiġi ssodisfatt l-obbligu li jiġi pprovdut Spazju Liberu suffiċjenti, li huwa pilastru ċentrali għall-effettività tal-impenji.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-impenji ma jispeċifikawx b'mod espliċitu u ċar id-dritt għal kompetitur ġdid li jikseb, mill-bidu nett tal-implimentazzjoni tal-impenji, servizzi ta' hosting online li jkopru l-medda ta' frekwenza ta' 700 MHz, li hija essenzjali għall-operat effettiv ta' operaturi ta' network mobbli f'kompetizzjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-impenji ma jipprojbixxux b'mod espliċitu u ċar lill-partijiet milli jagħżlu siti internet mhux adatti fit-twettiq tal-obbligu tagħhom li jipprovdu aċċess lil kompetituri ġodda, u li l-impenji ma joffru l-ebda protezzjoni kontra l-partijiet li jeżerċitaw preġudizzju fl-għażla tas-siti internet li lilhom għandu jingħata aċċess.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-impenji jipprovdu proċedura insuffiċjenti u mhux ċara għal arranġament ta' aċċess għal siti internet rilevanti, li jirriżulta f'sitwazzjoni fejn kompetituri ġodda ma jkunux jistgħu jagħmlu użu effettiv tas-siti internet offruti taħt l-impenji.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2020 – Hansol Paper vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-693/20)

(2021/C 19/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hansol Paper Co. Ltd (Seoul, il-Korea t'Isfel) (rappreżentant: B. Servais u V. Crochet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1524 tad-19 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea sa fejn dan jirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe intervenjent li jista' jiġi ammess insostenn tal-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-metodologġja tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-marġnijiet tat-twaqqiġ tal-prezz u ta' bejgħ taħt il-prezz tar-rikorrenti tikser l-Artikoli 3(1), 3(2), 3(3), 3(6) u 9(4) tar-Regolament Bażiku.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2020 – Grange Backup Power vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-110/18) ⁽¹⁾

(2021/C 19/78)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 166, 14.5.2018.